MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

**It-Tnejn, 3 t' Awwissu, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' on-line minflok fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Michael Debono | Accountant |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri lis-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta minħabba l-eżitu tax-xogħol professjonali tagħha.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 21.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tad-19 –il laqgħa ġew approvati unanimament
Minuti tad-19.1 –il laqgħa ġew approvati unanimament
Minuti tal-20 laqgħa b'urġenza ġew approvati unanimament

## 21.2.2 Korrezzjonijiet

### 21.2.2.1 Minuti 19

Minuti 19.3.1 – tinbidel is-sentenza tat-tielet paragrafu u tiġi taqra hekk: "Wara diskussjoni, Dott. Carabott ma qabilx u rrimarka li s-somma vvutata  li ser tintefaq fuq il-proġett hija konsiderevoli."

Minuti 19.6.5, 19.6.6 u 19.6.7 iridu jinbidlu u jsiru Minuti 19.3.5, 19.3.6 u 19.3.7

Minuta 18.6.3 trid tiġi nnumerata għal 19.6.3

### 21.2.2.2 Minuti 19.1

Minuti 19.11.2 – minflok il-kelma "proġetta" u ssir "proġetti"

### 21.2.2.3 Minuti 20

Titneħħa l-kelma "Kusnill" mit-tieni paragrafu u ssir "Kunsill"

## 21.3 Punti mqajma mill-minuti

## 21.3.1 Minuti 19.1

**21.3.1.1 Minuta 19.3.3** – Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill ikkonferma mar-Reġjun u ser isir l-istudju meħtieġ sabiex ikunu identifikati żoni pedonali.

**21.3.1.2 Minuta 19.3.5** – Is-Sindku informa lill-membri li wara l-attivitajiet li saru fiż-żmien il-festa sfortunatament fil-lokalita reġgħet feġġet il-pandemija tal-Covid u għaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa sabiex tintbgħat kartolina lil dawk kollha li nafu li ħakmithom din il-pandemija.

Wara diskussjoni bejn il-membri kollha ġie deċiż sabiex minflok tintbgħat kartolina tinħareġ stqarrija ġenerika sabiex b'hekk il-Kunsill ikun laħaq lil kulhadd.

F'dan il-ħin is-Sur Silvio Vella informa lis-Sindku li ħaddiem mill-Kunsill kien xerred ix-xnieha fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li hu u l-familja tiegħu kienet qabdithom din il-pandemija. Huwa żied jghid ukoll li din il-persuna ċemplitlu u qaltlu li din kienet cajta. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill jinforma lil Manager ta' CWS b'dan l-aġir ta' din il-ħaddiema waqt li kienet fil-ħin tax-xogħol tagħha.

## 21.3.2 Minuti 19.1

**21.3.2.1 Minuta 19.11.2** – Is-Sindku informa lill-membri li sabiex issir manutenzjoni fuq il-ġiebja li hemm fi ġnien Romeo Romano hemm bzonn xogħol estensiv.

Għaldaqstant, wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel stima tal-ispejjez kollha sabiex din tkun rinovata. Is-Sindku kkonkluda billi qal li ġaladarba din tkun rinovata l-ġiebja tista' issir attrazzjoni turistika.

Is-Sindku nforma lill-Membri ukoll wara informazzjoni li għandu jista' jagħti il-każ li t-titolu tat-turretta mhux qiegħed f'isem il-gvern iżda qiegħed fuq terzi. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex isiru riċerki meħtieġa biex il-Kunsill ikun jaf it-titolu fuq min eżattament qiegħed.

Is-Sur Gianluca Falzon ssuġġerixxa sabiex tinħareġ stqarrija li fiha l-Kunsill ikun qiegħed jinforma lill-pubbliku li it-Turretta mhix propjeta' tal-Kunsill.

Is-Sur Joe Vella informa lis-Sindku sabiex tittieħed il-prekawkazjoni meħtieġa sabiex jerġgħu isiru l-barriers minħabba li dawn tneħħew sabiex minħabba l-periklu li hemm in-nies ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħaddu minn taħtha. Wara diskussjoni ġie suġġerit sabiex isiru żewġ tabelli jew bollards jindikaw li hemm il-periklu.

Is-Sur Silvio Vella ma qabilx ma din il-proposta minħabba l-fatt li b'dan il-mod in-nies xorta ser ikollhom aċċess li jgħaddu minn taħt it-turretta. Wara diskussjoni, il-proposta mressqa mis-Sindku għaddiet, b'vot wieħed kontra.

## 21.3.3 Minuti 20

21.3.3.1 Is-Sindku informa lill-membri li wara diskussjoni li kienet saret fejn kellu jkun iffirmat ftehim sabiex dak li ingħad waqt il-laqgħa jkun maqbul bejn iż-żewġ partijiet, il-Kunsill irċieva komunikat mingħand Linda Renda (anness 1) fejn hi qed tghid li hemm punti li mhux jaqblu magħhom fosthom li l-ħlas isir wara li jitlesta x-xogħol għar-raġuni li l-kumpanija tagħhom ma tinsabx f'pożizzjoni finanzjarja tajba li tkompli x-xogħol mingħajr ma titħallas għax-xogħol li jkun sar. Is-Sindku ssuġġerixxa li ser issir laqgħa oħra fejn ikun hemm preżenti l-avukat tal-Kunsill ma' Linda Renda fejn il-pożizzjoni tal-Kunsill ser tkun li jitnaqqsu l-flus kollha tal-multi li huma dovuti lill-Kunsill u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jħallas għad-differenza. Il-Membri qablu unanimament ma dak suġġerit.

### 21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**21.4.1** Is-Sindku nforma lill-membri dwar ix-xogħol infrasfrutturali ta' Triq il-Brunzar fejn il-Kunsill kien ġie notifikat biss b'permezz ta' RWP1-1249/20. Il-Kunsill tkellem mal-Kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol u konna infurmati li it-triq ser issir fażi fażi minħabba li hemm problemi fuq is-sistema tad-drenaġġ. F'dan ir-rigward huwa antiċipat li ix-xogħol għandu jitlesta fi żmien tlett xhur u nofs għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa sabiex it-*traffic management* il-ġdid ta' Triq il-Parroċċa ma jidħolx fis-seħħ qabel ma jitlesta x-xogħol fi Triq il-Brunżar. Il-membri preżenti qablu ma dak li ġie ssuġġerit.

**21.4.2** Is-Sindku informa lill-membri l-laqgħa li saret fir-Reġjun Ċentru il-Kunsill jista' jipparteċipa fil-VR Project – Spinningphotos.com fejn jittieħdu filmati u jkunu

reklamati. Kien suġġerit sabiex jittieħed il-filmat tal-Knisja Parrokjali. Din l-ispiża ta' €1k ser tkun finanzjata mir-Regjun. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex fl-14 ta' Novembru li jaħbat Jum Santa Venera jittieħed *recording* simili ieħor u din id-darba tal-Knisja l-Antika fejn ikun iffinanzajt mill-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament

**21.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

**21.6 Rapporti / Korrispondenza**

**21.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntrattur tal-binja tal-iżvilupp li saret fi Triq Misraħ il-Barrieri fejn qiegħed jitlob sabiex titqabbad is-sistema tad-drenaġġ. Is-Sindku qal li r-riserva tal-Kunsill hi li ġaladarba din it-triq kienet taħt l-iskema tal-PPP u b'hekk għadha taħt garanzija. Il-Kuntrattur lest li jagħmel xogħol ta' *tarmac at full width* u għaldaqstant kien hem qbil li tiġi ffirmata skrittura f'dan is-sens.

**21.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun fejn ser jingħata fond fuq it-tizjin tat-toroq fi żmien il-Milied liema fond mhux ser jaqbeż it-€3k.

Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet fejn għal din is-sena tiżdied ukoll Triq Misraħ il-Barrieri n-naħa ta quddiem l-pastizzerija.

**21.6.3** Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irċieva komunikat ukoll mingħand ir-Reġjun fejn ser jitqassmu €34k lil kull kunsill.

Wara diskussjoni s-Sindku propona sabiex b'dan il-fond jista' jiġi utilizzat għal diversi proġetti ppjanati fosthom il-proġett tan-naħal li ser ikun diskuss aktar tard, il-proġett tal-monument tal-gwerra u fuq il-proġett tal-arbli dekorattivi. Il-Membri qablu unanimament

**21.6.4** Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-problema tad-dawl mitfi li hem fi Triq il-Ferrovija in-naħa tal-isptar ta' San Filippu. Fejn l-akwata ilha mitfija żmien. Huwa qal li l-Kunsill ġab kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur fejn irid issir sistema ġdida fuq 12 -il globu u l-ispiża titla' għal €5,070. Wara diskussjoni il-membri qablu li dan ix-xogħol hemm bzonn li jsir minnufih.

**21.6.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li inġiebu kwotazzjonijiet tal-*bicycle rack* fejn l-irħas kwotazzjoni hi ta' €105. Wara diskussjoni ġie deċiz sabiex din titwaħħal fil-parti il-wiesgħa' ta l-bankina fejn hemm il-LiDL fi Triq Misraħ il-Barrieri kważi kantuniera ma Triq il-Kappillan Mifsud.

**21.6.6** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ġab tlett kwotazzjonijiet sabiex issir l-għamara tal-Ufficini tal-Kunsill. Il-Kwotazzjonijiet kienu Invicta €4,679, Vivendo €8,363 u Oxford House €8,155. Wara diskussjoni dwar il-bżonn li hemm sabiex isir tisbieħ tal-uffiċċju l-Kunsill qabel sabiex tintgħażel l-irħas kwotazzjoni dik ta Invicta.

**21.6.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Pulizja nfurmawh li qed jirċievu diversi lmenti dwar problema li hemm fi Triq Dun Frans Camilleri fejn qed ikunu blukkati uħud mill-garaxxijiet. Il-Pulizija ssuġġerixxu sabiex f'din it-Triq isiru s-sinjali. Is-Sindku qal li l-*Contracts Manager* ikkonfermalu li f'din it-triq m'hemmx sinjali.

Wara diskussjoni l-memebri qablu sabiex isiru s-sinjali li hemm bżonn hekk kif ġie rrakomandat mill-Pulizija.

**21.6.8** Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikar minn TM fejn l-istess TM qed tissuġġerixxi li ssir traffic island bis-sinjali fi Triq il-Kanun kantuniera ma Triq San Ġużepp. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel bħala prinċipju iżda trid tinġieb kjarifika vis a vis jekk hux ser jintilfu xi *parking spaces* b'dak li qed jiġi propost.

**21.6.9** Is-Sindku informa lill-membri li il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tagħalaq u għaldaqstant issuġġerrixxa sabiex din il-ħatra tkun estiża sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid li iżda trid tiġi mġedda kull tlett xhur.

Il-membri qablu ma dak li kien suġġerit.

## 21.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 21.7.1 Management Letter Reply

Is-Sindku talab lill-Accountant is-Sur Michael Debono sabiex jispjega l-*Management letter*. Is-Sur Debono spjega punt punt tal-*Management letter* u wara diskussjoni fuq il-punti mqajma s-Sindku ppropona l-*Management letter Reply* filwaqt li s-Sur Gianluca Falzon issekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

### 21.7.2 Randikont Finanzjarju – Jannar sa Ġunju 2020

Is-Sindku talab lill-Accountant, Is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju dak ta' bejn Jannar u Marzu 2020 u dak minn April sa Ġunju 2020.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Gianluca Falzon ssekonda lis-Sindku għar-rendikont finanzjarji Jannar – Marzu 2020 u April sa Ġunju 2020 filwaqt li l-membri qablu unanimament

### 21.7.3 Rapport tal-Aġġudikazzjoni tat-Tender tal-Latrina Pubblika

Is-Sindku informa lill-membri lit-Tender tal-Latrina Pubblika kien ġie aġġudikat mill-Bord. Id-Deputat Segretarju informa lill-membri lir-rapport joħroġ awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tender. Ir-rapport ikklassifika lill-Offeranti kif ġej:

| | Eligibility | Technical | Financial |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| Joseph Farrugia | Eligilble | 60% out of 60% | €23, 500 |
| Christ Gatt | Eligilble | 60% out of 60% | €133, 000 |
| DSS Ltd | Eligilble | 55.99% out of 60% | €48, 550 |
| Sandro Caruana | Eligilble | 60% out of 60% | €24, 500 |
| Proofreading.com | Eligilble | 45.60% out of 60% | €29, 400 |
| Anthony Scerri | Eligilble | 45.60% out of 60% | €29, 700 |
| Carmel Desira | Eligilble | 57.62% out of 60% | €32, 450 |

F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona lis-Sur Joseph Farrugia bhala l-offerant li rebaħ din it-tender. Is-Sur Joe Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

### 21.7.4 Traffic Management: Akwata Palazz l-Aħmar

Is-Sindku nforma lill-membri li wara li kellu diskussjoni ma Perit minn *Infrastructure Malta* dwar kif jista' jiżdied il-parkeġġ fiż-żona tal-Palazz l-Aħmar, ġie suġġerit sabiex fi Triq Pietru Dacoutros u fi Triq il-Batterija (madwar il-binja tal-Gvern, hemm lok sabiex jiżdiedu bejn 5 u 10 parkeġġi.

Wara diskussjoni l-Membri qablu unanimament ma dak li ġie suġġerit mill-Perit.

### 21.7.5 Traffic Management: Akwata Triq il-Kanun

Saret diskussjoni fuq t-traffic management li ġie ppreżentat u b'mod unanimu l-membri ma qablux ma dak suġġerit għal żewġ raġunijiet:

1. L-akwata għadha tgħajjat lill-Kunsill Lokali Ħamrun
2. Ser jintilfu diversi parkeġġi oħra.

### 21.7.6 Direttorju tan-Negozji

Is-Sindku informa lill-Membri li hemm bżonn li jsir direttorju tan-Negozji li għandna f'Santa Venera. Wara diskussjoni s-Sindku talab lis-Sur Joe Vella sabiex jiġbor din l-informazzjoni. Is-Sur Vella nfurmah li hu għandu applikazzjoni lesta sabiex kull negozju jkun jista' jimliha. Is-Sindku talab lis-Sur Vella sabiex din l-applikazzjoni tkun diskussa ma' *Data Protection Officer* tal-Kunsill sabiex wara jkun jista' jipproċedi u titqassam lis-sidien tan-negozji kollha. Ġie deċiż ukoll sabiex wara li tinġabar din l-infomazzjoni fid-*database* din tkun tista' titpoġġa fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill sabiex ir-residenti jkollhom aċċess għaliha.

Il-Membri qablu unanimament ma din il-proposta

## 21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati.

F'dan il-ħin fid-9:25pm minħabba l-fatt li kienu skada l-ħin tal-laqgħa hekk kif stipulat fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali, bi qbil unanimu il-Kunsill qbel sabiex il-laqgħa titkompla.

## 21.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagament: Proponent: Kursten Dimech u Sekondant: Gianluca Falzon
Petty Cash: Firmatarji –Kursten Dimech u Gianluca Falzon

## 21.10 Ilmenti

**21.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 452 sa 531.

| | |
|---|---|
| 460 | 1. ma jistax jitressaq<br>2. issir tabella |
| 462 | Transport Malta |
| 463 | Ħaddiema Assenjati |
| 468 | Isir rapport lis-Sanita' u l-Appoġġ |
| 475 | Jinbiebu l-firem tar-residenti ta fejn qed issir it-talba għas-*sleeping police* |
| 482 | Grima & Sons |
| 491 | Hemm bzonn li jkun hemm Wardens pajzana |
| 506 | Kunstrattur tal-Knis |
| 507 | Infrastructure Malta |
| 528 | Ma tistax issir |
| 531 | Tranport Malta |

**21.10.2** Ilmenti li jqumu minn laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 39 | Mux approvati minn TM |
| 392 | Jibqa' fejn jinsab |
| 397 | Ma jsirx |
| 447 | Ma jsirx |
| 448 | Applikazzjoni ma Transport Malta |

## 21.11 Mozzjonijiet

### 21.11.1 Proposta għall-proġett tan-naħal fil-Ġnien Romeo Romano

Is-Sindku informa lill-membri dwar mozzjoni li ġiet ppreżentata mill-membri tal-Kunsill Dott Darren Carabott, is-Sa Courtney Farruiga u s-Sur Joseph Vella fejn din il-mozzjoni titratta dwar proposta għall-proġett tan-naħal fil-Ġnien Romeo Romano. Dott Carabott qara din il-mozzjoni liema mozzjoni tinsab annessa bħal Anness 1.

Wara diskussjoni is-Sindku qal li m'għandu jkun hemm l-ebda oġġezzjoni iżda rrimarka li fejn qed ikun identifikat ser isir ċentru edukattiv b'permezz ta' fondi minn *Norwegian Fund*.

Il-Membri qablu li l-aħjar wieħed jara kif ser jiżviluppa l-proċess tan-*Norwegian Fund*s u wara jsiru l-*financial costings* u wieħed ikun jista' jippjana minn hemm.

## 21.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-10:15 pm u ġiet aġġornata għal-31 t' Awwissu 2020, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 31 t'Awwissu, 2020